

32007D0002

4.1.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 1/5

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta' l-1 ta Jannar 2007
li tinnomina membri tal-Qorti ta' l-Awdituri

(2007/2/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IDDEĊIEDA:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 247(1), (2) u (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 160 B(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea u l-adattamenti tat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 47 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

Billi skond l-Artikolu 47 ta' l-Att ta' Adeżjoni msemmi, huwa meħtieġ li l-Qorti ta' l-Awdituri tiġi kompletata bin-nomina ta' żewġ membri supplimentari għal mandat ta' sitt snin,

Artikolu 1

Huma b'dan nominati bħala membri tal-Qorti ta' l-Awdituri, għal perjodu ta' sitt snin b'effett mid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni:

Is-Sinjura Nadezhda SANDOLOVA

Is-Sur Ovidiu ISPIR.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett mill-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Jannar 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

F.-W. STEINMEIER